# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Frar 2018

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex dawk kollha li għandhom xi tip ta' poter, sew materjali, politiku jew spiritwali, jirreżistu l-ġibda tal-korruzzjoni.**

**Ninġabar:**

Insib post komdu u nikkalma ruħi. Għal ftit minuti, nikkonċentra fuq in-nifs li qed nieħu u nisma' l-ħsejjes ta' madwari. Nirringrazzja lil Alla ta' dan il-ħin li qed inqatta' nirrifletti.

**Fatt ċkejken:**



Vanessa hija studenta ta' tmintax-il sena li għandha diffikultajiet fil-qari u kitba. Dan wassal biex hi qatt ma rnexxielha ġġib ir-riżultati mixtieqa fl-eżamijiet tal-lingwi, u għalhekk ma setgħetx tistudja l-liġi fl-Università. Din is-sitwazzjoni ħolqot ħafna konflitti. Il-ġenituri ta' Vanessa kienu avukati u ma setgħux jaċċettaw din ir-realtà ta' binthom. Dan wassal biex l-istudenta waqgħet f'dipressjoni, u waslet f'punt fejn riedet toqtol ruħha bi jdejha. Il-qlub tal-ġenituri tagħha nqasmu meta raw lil binthom f'dan l-istat. Peress li baqgħu ma jistgħux jaċċettaw il-fatt li Vanessa ma kinitx kapaċi tistudja l-liġi fl-Università, il-ġenituri tagħha ddeċidew li jikkorrompu lill-Università. B'hekk l-istudenta rnexxielha takkwista ċ-ċertifikati meħtieġa u daħlet għall-kors li xtaqu l-ġenituri tagħha. Il-flus ġabulha r-riżultati li kellha bżonn biex tidħol l-Università, iżda ma ġabulhiex il-ferħ u s-sens li rnexxielha tagħmel xi ħaġa b'ħilitha.

Il-ġenituri kienu jafu li dak li għamlu kien ħażin, iżda huma ġġustifikaw l-imġiba tagħhom għax daħħluha f'rashom li b'hekk huma kienu ggwidaw lil binthom fid-direzzjoni t-tajba. Wara kollox, is-serenità ta' binthom ma kinitx tinteressahom daqskemm kif jidhru l-affarijiet u x'jaħsbu n-nies dwarhom.

**Naħseb ftit:**

"Imberkin dawk li huma bil-għatx għall-ġustizzja..." Kemm inħobb, nemmen u lest niddefendi l-ġustizzja? Bniedem bla prinċipji, li jgħawweġ dak li hu sewwa u xieraq kif u meta jaqbillu, qed jibni jew ikisser soċjetà ġusta u onesta?

**Nitlob:**

Nitlob biex dawk li għandhom il-poter u l-flus ikunu mdawwlin mill-Evanġelju u jżommu sodi quddiem it-tentazzjoni li jgħawwġu t-tajjeb għall-iskopijiet tagħhom.

**Kliem ta' dawl:**

Mhuwiex il-poter li jikkorrompi l-bnedmin, imma l-bnedmin li jikkorrompu l-poter.

*William Gaddis*

**X'nista' nagħmel:**

Nisrani veru, f'dinja li qed issir dejjem aktar korrotta, irid ikun parti mis-soluzzjoni u mhux parti mill-problema. Nirrifletti fuq l-għażliet li nagħmel ta' kuljum u nkun lest li nħallas il-prezz biex nibqa' fidil lejn il-prinċipji u l-valuri tal-onestà u l-ġustizzja, kif għamel l-Imgħallem tagħna Ġesù.